MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2006

Rikors Numru. 1157/2005

Milicia Micovic, Michael Micovic, Juliana Micovic u Monica u Attilio konjugi Vassallo Cesareo
vs
Milos Micovic

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi b'sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 1995, li kopja taghha giet annessa mar-rikors u mmarkata Dok. A, l-initmat Milos Micovic kien gie kundannat ihallas lill-atturi Milicia Micovic, Michael Micovic, Juliana Micovic u Monica u Attilio konjugi Vassallo Cesareo, is-somma ta' hmistax-il elf, mitejn u tnejn u tmenin liri Maltin, disghin centezmu u erba' millezmi (Lm15,282.90,4) bhala danni konsegwenzjali ghall-inadempjenza tieghu; oltre l-interessi

dekorribbli mill-5 ta’ Ottubru 1995 sad-data ta’ l-effettiv pagament, kif ukoll l-ispejjez legali.

Illi kienu ghaddew aktar minn hames snin minn meta t-titolu ezekuttiv kien seta’ jigi ezegwit.

Illi mid-data tas-sentenza, wahda mill-atturi u cioe` Juliana Micovic kienet giet nieqsa u kienet halliet bhala eredi universali taghha lil Roberta Gabarretta, Andrea u Mark Vassallo Cesareo.

Illi minn dan id-debitu, l-ammont ta’ hdax-il elf, erba’ mija u tnejn u sittin Liri Maltin, sbatax-il centezmu u tmien millezmi (Lm11,462.17,8) oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, kienu ghadu dovut lir-rikorrenti mill-konvenut u dan wara li wahda mill-atturi u cioe` Milicia Micovic  kienet irrinunzjat ghad-dritt taghha ghal-kwart (1/4) tad-danni likwidati u ta’ l-interessi akkumulati fuq l-istess bhala kawza ta’ xiri ta’ stocks u securities minghand il-konvenut, kif kien jidher mill-kuntratt datat 24 ta’ Novembru 2003 anness mar-rikors u mmarkat Dok B.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

Li jigu ravvivati d-drittijiet taghhom kontra l-intimat u b’hekk l-istess kreditu jerga’ jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista’ jigi ezegwit kontra l-intimat, salv kull provvediment li din il-Qorti joghgobha taghti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimat debitament notifikat skond il-ligi baqa’ ma pprezentax risposta u anqas deher fis-seduta tal-lum.

Xehed Attilio Vassallo Cesareo li qal li huma kienu ghadhom ma thallsu xejn minghand Milos Micovic jew xi hadd ghan-nom tieghu dwar l-ammont ta' Lm11462.17,8 li kienu dovuti kif spjegat fir-rikors.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti tidher gustifikata u fuq kontumacja tal-intimat il-Qorti qed tilqaghha fis-sens li tordna li jigu ravvivati d-drittijiet tar-rikorrenti kontra l-intimat u b'hekk l-istess kreditu jerga' jsir titolu ezekuttiv skond il-Ligi u jkun jista' jigi ezegwit kontra l-intimat.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------